# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.23

## ĦTIĠIET DWAR IR-REKLAMI, METODI TA' REKLAMAR U DIRETTIVI DWAR REKLAMAR TA' *TATTOOS*

22 ta' Marzu, 2007

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 266 ta' l-2007.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar ir-Reklami, Metodi ta' Reklamar u Direttivi dwar Reklamar ta' *Tattoos*. Titolu.

**1.** Introduzzjoni

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta' Reklamar u d-Direttivi saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 19(3) u (5) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Ħtiġiet

2.1 L-Awtorità tfakkar l-istazzjonijiet f'dak li jipprovdi l-Att dwar il-Kontroll tat-*Tattoos*, Kapitlu 270 tal-Liġijiet ta' Malta. Skond kif hemm fl-artikolu 5(1) ta' dan l-Att, jikkommetti reat kriminali min jitlob, jippermetti jew iħalli li jsir tatwaġġ fuq xi parti minn ġismu/ġisimha sakemm dan it-tatwaġġ ma jsirx minn min ikollu liċenza valida mill-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jew minn xi ħadd ieħor awtorizzat minnu/minnha.

2.2 L-istazzjonijiet kollha għandhom ixandru reklami bħal dawn jew xi sura oħra ta' programmar li jkun fih siltiet marbuta mat-tatwaġġ jixxandru wara d-disgħa ta' filgħaxija u mhux aktar tard mis-sitta ta' filgħodu minħabba fil-fatt li skond dak li hemm fil-liġi, l-adulti biss jistgħu jitħallew jagħmlu t-tatwaġġ. Tabilħaqq, dak li hemm fl-artikolu 3 fl-Att dwar il-Kontroll tat-*Tattoos* juri bl-aktar mod ċar li t-tatwaġġ ipprojbit fuq il-minorenni, u tant hu hekk li hu reat kriminali li tagħmel tatwaġġ fuq min għadu taħt it-tmintax-il sena.

2.3 Jekk bejn id-9.00p.m. u s-6.00a.m., ikun hemm reklam għal min jagħmel it-tatwaġġ jew programm li jirreferi għal wiri ta' tatwaġġ l-istazzjoni għandu jara li min jagħmel it-tatwaġġ għandu l-liċenza biex jaħdem ta' hekk. Ix-xandara jridu wkoll jinfurmaw lil min qed jara u/jew jisma' bil-periklu li jista' jkun hemm għas-saħħa jekk it-tatwaġġ isir minn min ma jkollux liċenza u li t-tatwaġġ huwa xi ħaġa li tibqa' u ma tistax titneħħa ħlief b'operazzjoni. Dan minħabba fil-fatt li fit-tatwaġġ jinħtieġ li jiddaħħlu fil-ġilda l-ilwien maħsuba biex iħallu marka permanenti.

2.4 Jekk jixxandru reklami jew xorta ta' programmi bħal dawn, l-istazzjonijiet għandhom jaraw li ma jmorrux kontra l-ħtiġiet ta' deċenza u gosti tajbin mitluba mill-Att dwar ix-Xandir.

2.5 Biex wieħed ikun jaf jekk xi ħadd għandux liċenza valida biex jaħdem it-tatwaġġ, ix-xandara għandhom jaqbdu mad-Direttur tas-Saħħa Pubblika, f'37/39 Rue D'Argens, l-Imsida.

2.6 Ix-xandara għandhom ikunu żguri li d-Dipartiment tas-

Saħħa Pubblika jingħata kopja tar-reklam jew xi programm ieħor dwar dan is-suġġett biex ikun jista' jifliha legalment qabel ma tixxandar.